DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2019/1884

tat-8 ta' Novembru 2019

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/2382

li tistabbilixxi Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża (KESD)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(1), 42(4) u 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-21 ta' Diċembru 2016, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/2382 ([1]).

(2) Jenħtieġ li jiġi stabbilit ammont ta' referenza finanzjarja ġdid għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2020 sal-31 ta' Diċembru 2020.

(3) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2016/2382 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 16(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2016/2382 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa tal-KESD matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2020 sal-31 ta' Diċembru 2020 għandu jkun ta' EUR 1 893 598.

L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa tal-KESD għal perijodi sussegwenti għandu jiġi deċiż mill-Kunsill.".

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Novembru 2019.

Għall-Kunsill
Il-President
M. LINTILÄ

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2382 tal-21 ta' Diċembru 2016 li tistabbilixxi Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża (KESD) u li thassar id-Deċiżjoni 2013/189/PESK (ĠU L 352, 23.12.2016, p. 60).